MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# MFSA WARNING

**"FXenergy"** - https://www.fxenergytrade.com/#/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li topera bl-isem "FXenergy", u li għandha preżenza fuq l-Internet fis-sit elettroniku https://www.fxenergytrade.com/#/, u li b'mod qarrieqi qed tgħid li hi regolata u liċenzjata mill-MFSA taħt allegat numru ta' liċenzja 5651919008284 biex tipprovdi servizzi ta' investiment.

L-MFSA tixtieq tavza lill-pubbliku li **FXenergy mhix entità Maltija, mhix magħrufa mal-MFSA u mhix liċenzjata jew awtorizzata b'xi mod mill-MFSA biex tipprovdi xi servizz finanzjarju f'Malta jew minn Malta,** inkluż servizzi ta' investiment. Għaldaqstant, konsumaturi tas-servizzi finanzjarji m'għandhomx jidħlu f'negozju jew tranżazzjonijiet mal-entità msemmija hawn fuq.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 04-2018**
**23 Lulju 2018**